**PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 1224/2024 MS*

**Anthony Musci sive Muxi**

**Vs.**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

Illum, 27 ta’ Frar, 2025

Kawża Numru: 5

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attur fit-12 ta’ Novembru 2024, li permezz tiegħu wara li ppremetta dan li ġej:

> Illi r-rikorrent, twieled gewwa, l-Hamrun, Malta, fl-ghaxra ta’ Jannar tas-sena elf disa’ mija wiehed u hamsin (10/01/1951), fejn kunjom ir-rikorrent gie imnizzel bhala ‘Musci’, ossia kif gie ddikjarat minn missieru, Carmelo. Anness l-Att tat-Twelid tar-rikorrent, bin-numru progressiv

hamsa, hamsa, erbgha tas-sena elf disa' mija wiehed u hamsin (554/1951) u mmarkat bhala Dok. 'A';

Illi kull Att sussegwenti u relattiv iehor mahrug mir-Registru Pubbliku wara l-imsemmi Att tat-Twelid tar-rikorrent, u li kien hemm involut ir-rikorrent, kunjom l-istess rikorrent dejjem tnizzel bhala 'Muxi' u mhux 'Musci';

Illi l-Att taz-Zwieg tar-rikorrent jindika li kunjomu hu mnizzel bhala 'Muxi' u mhux 'Musci'. Anness l-Att taz-Zwieg tar-rikorrent u martu, Mary Lourdes Muxi, nee` Calleja, bin-numru progessiv wiehed, tmienja, sebgha, zero, tas-sena elf disa' mija tlieta u sebghin (1870/1973), (Dok. 'B').

In oltre, fuq l-Att tat-Twelid tat-tlett ulied tar-rikorrent, kunjom ir-rikorrent hu ukoll indikat bhala 'Muxi' u mhux 'Musci'. Qeghdin jigu esebiti ukoll tlett (3) Atti tat-Twelid ta' ulied ir-rikorrent, Patrick, Jacqueline, u Marco, ahwa Muxi. L-Att tat-Twelid ta' Patrick, bin-numru progessiv, hamsa, tnejn, tlieta, hamsa, tas-sena elf disa' mija erbgha u sebghin (5235/1974), li hu mmarkat bhala Dok. 'C', ta' Jacqueline, bin-numru progessiv hamsa, erbgha, zero, disgha, tas-sena elf disa' mija tmienja u sebghin (5409/1978), u li hu mmarkat bhala Dok. 'D', u ta' Marco, bin-numru progressiv erbgha, sitta, tlieta, disgha, tas-sena ef disa' mija erbgha u tmenin (4369/1984), u li hu mmarkat bhala Dok. 'E';

Illi ghalhekk ir-rikorrent dejjem kien maghruf u dejjem uza il-kunjom 'Muxi' u mhux 'Musci';

Illi stante li l-karta tal-identita` tar-rikorrent inbidlet ricentement, u dan peress li skadiet, kunjom ir-rikorrent fuq il-karta tal-identita` l-gdida tnizzel bhala 'Musci' u mhux 'Muxi'. Fuq il-karta tal-identita` precedenti kunjom ir-rikorrent hu mnizzel bhala 'Muxi' u mhux 'Musci' u dan kif kien f'kull karta tal-identita` ohra precedenti. Esebiti l-karti tal-identita` tar-rikorrent, kemm dik prezenti u kemm dik precedenti (Dok. 'F' u Dok. 'G' rispettivament);

Illi stante li r-rikorrent gia qieghed jirriskontra xi diffikultajiet ma' d-diversi entitajiet li r-rikorrent ghandu s-servizzi maghhom, fosthom il-banek kummercjali, u kif ukoll dipartimenti governattivi minhabba l-kunjom kif qieghed jidher fuq il-karta tal-identita` l-gdida, l-istess rikorrent hass il-htiega li jintavola dan ir-Rikors Guramentat sabiex jirregola din l-anomalija f'kunjomu;

> In oltre, ir-rikorrent qieghed jiprpezenta l-Affidavit tieghu fejn qieghed jaghti spjegazzjoni dettaljata tal-fatti kollha kif graw. Esebit l-Affidavit tar-rikorrent li hu mmarkat bhala Dok. 'G';
>
> Illi din l-odjerna kawza qieghda ssir a tenur tal-artikolu 253 *et sequitur* tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta, Kap 16

għadda biex jitlob lil din il-Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, jogħġobha:

> 1. Tawtorizza sabiex jigi ddikjarat li r-rikorrent minn dejjem kien maghruf bil-kunjom 'Muxi' u mhux 'Musci'';
>
> 2. Tordna li ssir l-emenda neccessarja fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent, bin-numru progressiv hamsa, hamsa, erbgha tas-sena elf disa' mija wiehed u hmasin (554/1951), fejn kunjom ir-rikorrent ikun jaqra bhala 'Muxi' u mhux 'Musci';
>
> 3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar mid-data ta' tali awtorizazzjoni javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jirregistra tali awtorizazzjoni;

2. Rat ir-risposta ġuramentata imressqa mill-konvenut fid-9 ta' Diċembru 2024[1], li permezz tagħha wieġeb hekk:

> 1. Illi preliminarjament din l-Onorabbli Qorti għandha tikkonferma jekk saritx pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> 2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent irressaq is-segwenti eċċezzjonijiet mingħajr preġudizzju għal xulxin;
>
> 3. Illi fl-ewwel lok, l-esponent m'huwiex edott mill-fatti kif ġew dikjarati fir-rikors promotur. Madanakollu, mill-atti u dokumentazzjoni fil-poteri tiegħu jirriżulta s-segwenti;
>
> 4. Illi minn dak li jirriżulta jirriżulta *ictu oculi*, skont l-Att tat-Twelid bin-numru progressiv **554/1951**, jidher li r-rikorrent '**Anthony Musci**' twieled ġewwa Malta nhar l-għaxra (10) ta' Jannar 1951 lill 'Carmel Musci' u 'Maria *wife of the said* Carmel Musci', fiż-żwieġ, u dana skont dak iddikjarat mill

[1] Fol.29.

missier fil-mument tar-reġistrazzjoni tat-twelid u għaldaqstant ma jistax jingħad illi sar xi żball mill-esponent Direttur meta ġie reġistrat l-Att tat-Twelid;

5. Illi madanakollu kunjom ir-rikorrent konsistentement ġie miktub bħala **'Muxi'** u mhux **'Musci'** fuq Atti ta' Stat Ċivili oħra, ċioe' fuq l-Att taż-Żwieġ tiegħu bin-numru **1870/1973**, u fuq l-Atti tat-Twelid ta' wliedu bin-numri **5235/1974, 5409/1978 u 4369/1984** rispettivament;

6. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent qiegħed jirrimetti ruħu għat-talbiet kollha magħmula mir-rikorrent, jekk din l-Onorabbli Qorti tkun sodisfatta sal-grad rikjest mil-liġi li r-rikorrent, għal kuntrarju ta' dak li hu mniżżel fuq l-Att tat-Twelid suċitat, bin-numru progressiv **554/1951**, huwa verament **kien u għadu** konsistentement magħruf u msejjaħ bil-kunjom **'Muxi'** u mhux bil-kunjom **'Musci'**;

7. Illi finalment, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ u kif spjegat aktar qabel, l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas tal-esponent Direttur tant illi d-dikjarazzjoni fir-rigward tal-isem u l-kunjom tar-rikorrent, li saret meta ġie reġistrat l-Att tat-Twelid in kwistjoni, kienet saret minn missieru stess u għalhekk l-esponent Direttur m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont l-liġi;

3. Rat li saret il-pubblikazzjoni meħtieġa skont l-artikolu 254 tal-Kodiċi Ċivili;

4. Rat l-atti proċesswali kollha;

5. Rat li l-kawża tħalliet għall-udjenza tal-lum sabiex tiġi deċiża;

Ikkunsidrat:

6. Illi din hija kawża preżentata mill-attur taħt l-artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili sabiex huwa jikseb emenda fl-att tat-twelid tiegħu, fejn kunjomu huwa mniżżel bħala «Musci». L-attur jgħid li, fuq dak l-att, kunjomu għandu jidher bħala «Muxi».

7. Mill-atti tal-kawża jirriżultaw is-segwenti fatti:

- l-attur twieled fl-10 ta' Jannar 1951. It-twelid tiegħu ġie reġistrat bl-att ta' twelid bin-numru 554/1951[2]. Fuq dak l-att, missieru huwa indikat bħala Carmelo Musci, li huwa wkoll il-persuna li għamel id-dikjarazzjoni tat-twelid tal-attur lill-konvenut;
- missier l-attur madanakollu huwa indikat bil-kunjom Muxi fl-att taż-żwieġ tiegħu stess, bin-numru progressiv 718/1947[3], kif ukoll fl-att tal-mewt tiegħu, bin-numru progressiv 546/2012[4];
- l-attur iżżewweġ fid-19 t'Awwissu 1973, u ż-żwieġ tiegħu ġie reġistrat bl-att ta' żwieġ bin-numru 1870/1973[5]. Fuq dak l-att, l-attur huwa indikat bħala Anthony Muxi, filwaqt li missieru huwa indikat bħala Carmelo Muxi;
- l-attur kellu tliet itfal, u fuq l-att ta' twelid ta' kull wieħed minnhom, huwa indikat bħala Anthony Muxi[6]. Kunjom missier l-attur ukoll huwa indikat bħala Muxi;
- il-karta tal-identità tal-attur li nħarġet fit-13 ta' Novembru 2014 u li kienet valida għal għaxar snin turi kunjomu bħala Muxi[7];
- l-aħħar karta tal-identità tal-attur inħarġet bil-kunjom Musci[8];
- l-attur xehed li l-fatt li kunjomu huwa muri bħala Musci minflok Muxi fuq il-karta tal-identità tiegħu qed toħloqlu diffikultà f'ħajtu, peress illi kunjomu mal-banek u mad-dipartimenti tal-Gvern[9], kif ukoll fil-ħajja soċjali tiegħu, dejjem tniżżel bħala Muxi[10].

8. Fir-rigward ta' talbiet dwar korrezzjonijiet fil-kunjom ta' persuna, kien dejjem miżmum fil-ġurisprudenza tagħna li r-riferenza għal kelma "isem" fl-artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili hija riferenza għall-ewwel isem ta' persuna, u mhux għall-kunjom (ara f'dan is-sens ***Damian Damian-Schembri vs. Direttur tar-Reġistru Pubbliku***, Appell Superjuri, 16 ta' Diċembru 2003). Fid-deċiżjoni ***Joseph Naudi normalment magħruf bħala Joseph Naudi Montaldo vs. Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku*** (Prim'Awla, 15 t'Ottubru 2015) ingħad:

[2] Fol.4.
[3] Fol.26.
[4] Fol.27.
[5] Fol.5.
[6] Fol.6-8.
[7] Fol.10.
[8] Fol.9
[9] Fol.13-25.
[10] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur, a fol.11.

> Illi l-fatt waħdu li persuna jagħżel kunjom u jibda jużaha ma jfissirx li b'hekk tali għażla bilfors għandha tingħata rikonoxximent legali sempliċement għaliex ħoloq stat ta' fatt ġdid u <u>kunjom ġdid</u>. Il-flessibilita' murija mill-Qrati tagħna f'ċirkostanzi differenti ma joffrux, fil-fehma tal-Qorti, konfort lir-rikorrent odjern billi l-kunjom li jixtieq juża huwa dik tan-nanna materna b'dana li qed saħansitra jikkanċella kunjom xbubit ommu li huwa 'Caruana'. Mhuwiex ċertament il-ħsieb tal-leġislatur, u lanqas tal-Qrati tagħna, li jippermettu li jsiru dawn l-għażliet *a godimento* mill-kunjomijiet użati mill-antenati ta' dak li jkun.

9. Is-sitwazzjoni taħt il-liġi tagħna però nbidlet bl-avvent tal-Att LXV tal-2020. Kemm hu veru, fid-deċiżjoni ***Victor Scerri vs. Direttur tar-Reġistru Pubbliku*** (Appell Superjuri, 28 t'April 2021), li kienet tirrigwarda bdil ta' kunjom minn 'Xerri' għal 'Scerri', din il-bidla leġiżlattiva kienet ċitata espressament bħala r-raġuni għall-akkoljiment tat-talbiet tal-attur. Dak il-każ fil-fatt kellu similaritajiet kbar mal-każ li għandha quddiemha din il-Qorti llum, billi l-attur odjern ukoll irid bidla f'kunjomu essenzjalment mill-konsonanti 'sc' għal 'x', liema konsonanti huma fonetikament ekwivalenti. Fil-fatt, 'Muxi' hija l-verżjoni semitika ta' 'Musci'.

10. Il-provi jissuffragaw it-talbiet tal-attur. Il-Qorti hija sodisfatta illi l-indikazzjoni tal-kunjom 'Musci' fl-att tat-twelid tal-attur bħala kunjom missieru, u per konsegwenza l-kunjom li se jiġi attribwit lill-attur, kienet l-effett ta' żball. Dan tant hu minnu li fl-atti ċivili eżebiti u li jirreferu għal missier l-attur, il-kunjom huwa indikat bħala 'Muxi' u mhux 'Musci'. Fil-fatt l-att ta' twelid tal-attur huwa l-uniku att ċivili li rat din il-Qorti fil-linja diretta tal-attur fejn il-kunjom 'Musci' huwa użat minflok 'Muxi'. Il-provi juru wkoll li l-attur konsistentement matul ħajtu kien magħruf bil-kunjom 'Muxi'.

11. Dan ifisser li t-talbiet tiegħu jistħoqqilhom li jintlaqgħu. Wara kollox, ma jagħmel ebda sens li l-attur ikun indikat bil-kunjom 'Musci' filwaqt li martu, uliedu u anki l-axxendenti tiegħu kienu magħrufin bil-kunjom 'Muxi'. L-iskop ewlieni tal-kunjom fis-soċjetà tagħna huwa li jindika l-provenjenza familjali ta' persuna. Kunjom l-attur kif inhu llum juri provenjenza żbaljata minflok dik korretta, u din hija l-qagħda li l-attur irid jirrettifika bl-azzjoni preżenti. Kif ġie ritenut fid-deċiżjoni ***Joseph Cutajar vs. Avv. Dr. John Scicluna noe*** (Appell Superjuri, 14 ta' Frar 1947)[11]: «*Issa l-kunjom ta'*

[11] Kollezz. Vol.XXXIII.i.6.

*familja, kif inhu l-patrimonju ta' l-individwu, li l-familja ma tistax tinnegalu, huwa wkoll il-patrimonju tal-familja li għandha ċertu interess li l-membri tagħha jkunu magħrufa b'dak il-kunjom*».

12. Naturalment, l-iżball li sar ma jaħtix għalih il-konvenut. L-attur stess, fir-rikors ġuramentat tiegħu, jagħraf illi «*...ir-rikorrent ġie imniżżel bħala 'Musci', ossia kif ġie ddikjarat minn missieru...*». Għalhekk l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandu jbatihom l-attur.

13. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara li l-attur minn dejjem kien magħruf bil-kunjom 'Muxi' u mhux 'Musci';

(ii) tilqa' t-tieni talba billi tordna li ssir l-emenda neċessarja fl-att ta' twelid tal-attur li għandu n-numru progressiv ħames mija erba' u ħamsin tas-sena elf disa' mija wieħed u ħamsin (554/1951) billi kunjom missier l-attur, u konsegwentement kunjom l-attur, jaqra bħala 'Muxi' minflok 'Musci';

(iii) tilqa' t-tielet talba kif dedotta;

(iv) tikkundanna lill-attur iħallas l-ispejjeż kollha.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur